

# Irġiel Qormin tal-Imgħoddi

*Kitba tal-Kan. Dun Feliċ Tabone*



Imsieken sa naqlagħhom minn qabarhom, irġiel ta' żmien ilu, iżda mhux mill-qabar taċ-ċimiterju imma tal-memorja. Naħseb li anqas għadamhom ma fadal. Ħlomt bihom ftit ilu u qtajtha li nfakkarhom b'dak li kien jolqotni bħal laqamhom, isimhom, bil-praspar ħelwin ta' żmien ilu. Saħansitra sa ftit qabel it-tieni gwerra dinjija.

Sa nibda bi "Skutella Brodu". Laqmu jolqtok u jqajjimlek il-fantasija. Mingħalija kien jismu Karmnu. Ma nafx fejn kien joqgħod. Lanqas dwar familtu, għax ma nafx. Kien raġel qsajjar b'wiċċ deformat, għajnejh bożżi, iħaffef sew fil-mixi, ħalqu mgħawweġ u żmattat għall-aħħar. "Skutella Brodu" kien il-kampanar tal-knisja tagħna, kif ukoll id-deffien. Dak iż-żmien id-dfin kien isir fil-knisja fl-oqbra mgħottijin bil-kaptelli tal-ġebel, tant li l-art kienu jgħattuha bil-weraq tal-liedna nhar il-festa ta' San Ġorġ. Kienu jidfnu wkoll fir-Rixtellu li kien iċ-ċimiterju tal-parroċċa. Illum ma' baqa'xejn minnu, ħlief biċċa żgħira. Miskin Karmnu, dan kien xogħlu biex jaqla' x'jiekol. Illum nitħassru u nagħdru. Dak kien żmien ta' faqar u tbatija

Erba' karattri oħra, kienu Żeppi, Dwardu, Ċensu u Leli bil-laqam ta' "Flariku".Kienu sempliċi u mentalment difettużi. Kienu wlied koppja twajba, bin-negozju tad-drappijiet fi Triq Santa Katarina, ftit 'l isfel mill-kappella ta' San Pietru mal-istess ħajt. L-aktar imqarqaċ u mħawwad kien **Żeppi,** imlaqqam "Iċ-Ċiċċa", il-kbir fost l-aħwa. Kultant kien perikoluż l-aktar meta kienu jagħtuh fastidju, Dak iż-żmien, sforz l-injuranza, nies bħal dawn imsieken kienu jwaqqgħuhom għaż-żuffjet. Illum mod ieħor, frott l-edukazzjoni u t-tagħlim, għax kulħadd jieħu ħsiebhom. Prova ta' dan hi d-"Dar tal-Providenza".

Darba xi ħadd tah fastidju fuq iz-zuntier. Dan beża' minnu u daħal jiġri fil-knisja. Żeppi fferoċja u daħal għalih, qabad siġġu u waddabhulu. Għal daqsxejn ma laqatx il-ħġieġa tan-niċċa ta' San Ġorġ.

Meta Żeppi kien jisma' l-qanpiena l-antika ddoqq it-tokki ta' xi vjatku, araħ jiġri lejn il-knisja biex taparsi jidderieġi l-vjatku bħal pulizija. B'leħen tal-waħx kien taparsi jkanta l-*Miserere* u t-*Te Deum* lejn id-dar tal-marid u lura lejn il-knisja. Dan kien jinkwieta lil Dun Ġużepp Azzopardi, il-viċi-parroku tal-parroċċa tagħna li kien

iwassal il-vjatku lejn id-dar tal-marid. Kien jipprova jkeċċih. Ir-riżultat kien ikun – Żeppi kien jirvilla. Miskin spiċċa l-Ingieret.

It-tieni wieħed **Dwardu** kien raġel qsajjar u kwiet għall-aħħar, dejjem bil-beritta f'rasu. Il-*job* tiegħu kien taparsi jieħu ħsieb it-tqassim tas-siġġijiet. Dari fil-knisja mhux bankijiet kien hemm għan-nies, iżda siġġijiet tas-soda, jintnu seba' pesti. Kienu jqajjmu konfużjoni, paniku u storbju billi s-saċerdoti kienu jqaddsu f'diversi artali, allura n-nies min iħares lejn artal u min iħares lejn xi artal ieħor. Verament li l-Konċilju Vatikan II ġieb ordni, serjetà u ġabra fil-Liturġija. Dwardu kien mingħalih qed jgħin lil Pawlu "Tas-Siġġijiet" li kien jieħu ħsieb it-tqassim tas-siġġijiet bi ħlas ta' sitt ħabbiet. Dwardu ma kien jagħti fastidju lil ħadd u ħareġ mix-xena tal-ħajja bla ħsejjes ta' xejn qisu qatt ma kien. Titħassru miskin!

**Ċensu** l-tielet wieħed mill-aħwa, nistgħu ngħidulu l-qaddej t'ommu billi kien joħroġ jixtri mill-ħwienet. Ċensu kien ħadha f'ħalqu l-espressjoni: 'Din x'fiha?' u n-nies kienu jiggustawh u fil-pront iwiġbuh "Minn ġewwa vojta Ċens". Meta ommu tibgħatu jixtri, ngħidu aħna l-laħam minn ħdejn San Franġisk mingħand "Tal-Bansa" Ċensu bil-qoffa f'idu kien jitla' lejn il-Vitorja, jinżel fejn San Bastjan, il-parroċċa l-oħra u jidħol il-ġewwa biex jixtri, itenni mat-triq "Din x'fiha?" Hekk kien jaħsibha Ċensu. Naturalment spiċċa bħal ħuh Żeppi, fl-Ingieret fejn temm ħajtu jirrepeti "Din x'fiha?"u waqaf hemm miskin.

L-aħħar wieħed kien **Leli** dejjem bil-beritta f'rasu bħal ħuh Dwardu. Kien kwiet u ġwejjed, dejjem iħuf ma' djul il-qassisin u s-sagristani, biex jagħtuh daqsxejn kafè wara li taparsi jkun qdiehom. Dan ukoll spiċċa bħal ħutu l-Ingieret, wara li mietu l-ġenituri tagħhom. Sakemm felaħ joħroġ, kuljum kont tarah ġej bil-mixi sa ħdejn il-knisja idur fuq iz-zuntier. In-nies tal-inħawi kienu jitħassruh u jagħtuh x'jiekol u x'jixrob. Darba waqt li kont ġej bil-karozza min-naħa tal-Marsa nzertajtu sejjer lura lejn ir-residenza f'xemx taqli l-ġrieden. Tħassartu u mort inwasslu. Leli spiċċa bħal ħutu.

Min ma kienx jaf lis-sagristani Ġorġ Xerri "Iz-Zozz" u lil Ċikku Zammit "Tas-Sagristana"? Kienu jservu l-knisja tagħna u sirt nafhom meta kibru. "Iz-Zozz" kien tip ħelu, xagħru abjad u qsajjar, idoqq l-orgni bl-udit u jkanta bil-Latin fil-funzjonijiet tal-knisja. Meta xi ħadd kien jistaqsih x'qed idoqq. Ġorġ b'ton ċajtier u jtemtem jirrispondi "It-Tipperery" li kienet għanja militari tal-ewwel gwerra dinjija. Dak iż-żmien, is-sagristani kienu jorqdu fil-knisja, ġimgħa kull wieħed f'kamra fit-taraġ tal-kampnar. Iqumu fl-4.00 ta' filgħodu biex idoqqu l-*Pater Noster* u jiftħu

l-knisja jekk jinqala' xi vjatku matul il-lejl. Il-qligħ tagħhom kien mit-tberik fi żmien l-Għid il-Kbir, minn xi magħmudija, xi funeral u mill-bejgħ tax-xema'. Il-qassisin kienu jagħtuhom xi ħaġa żgħira fi żmien il-Milied ukoll. Ħajja iebsa, iżda trankwilla mingħajr il-ġenn tal-lum.

Sa nispiċċa dawn it-tifkiriet b'raġel li ta ħajtu u joqtol għall-festa ta' San Ġorġ. Tafu min hu? Salvu Sammut magħruf bħala "Gori". Kont tiltaqa' miegħu fit-toroq tal-parroċċa b'xi labra tad-deheb mehmuża mas-sidrija, b'beritta mmejla f'rasu, difettuż f'għajnejh, b'mixja kajmana idur ibiegħ il-biljetti li kien jitla' mal-prima tal-lottu. Xemx u xita tarah iħabrek ibiegħ il-biljetti għall-festa ta' San Ġorġ. Kemm kien dilettant tal-festa Gori! Dan l-aħħar, meta xjaħ u marad kien joħroġ izappap mat-toroq jitwieżen ma' *push-chair* tat-trabi qadim. Miskin meta miet kien tant fqir li l-ispejjeż tal-funeral ħallashomlu l-Kumitat tal-Festi Esterni u hekk kien xieraq.

Dawn l-irġiel li fakkart ma kinux nies ta' professjoni u t'ebda importanza f'għajnejn dawk li kienu jippretenduha. Mur ara llum f'soċjetà moderna kemm kienu jagħtu kashom. Id-dinja mxiet ferm 'il quddiem fix-xjenza u t-teknoloġija iżda qed ngħixu f'indifferenza u materjaliżmu li dardru kollox. Imnalla li għad hawn dilettanti li qed ikomplu dak li għamlu ta' qabilhom! San Ġorġ ħarishom mis-sema.

